Fl-okkażjoni tas-70 anniversarju mit-tmiem tal-gwerra għal Malta

# Intervista ma' Mons. Emmanuel Brincat, Arċipriet tal-Isla, li kienet saret fuq it-televiżżjoni

***Monsinjur, meta Mussolini ddikjara gwerra kontra l-Ingilterra u l-Allejati tagħha fl-10 ta' Ġunju 1940, x'kienet ir-reazzjoni tal-parruċċani tiegħek?***



Il-Kan. Dun Emmanuel Brincat, l-Arċipriet tal-Isla fi żmien it-tieni gwerra dinjija

Meta smajna l-ewwel bombi miżlin li kienu mmirati fuq Bormla, il-ħġieġ tal-knisja tal-Vitorja, fejn konna miġburin – allura kienu s-sebgħa neqsin għaxra ta' filgħodu – il-Kanonċi kienu ser jibdew il-Matutin u kien hemm kongregazzjoni iffullata għaliex il-ġurnata ta' qabel kienu semgħu lil Mussolini jagħti l-aħbar li hu wkoll dieħel fil-gwerra. Allura, waqt dan il-ħbit, qam paniku fil-knisja u l-kor waqaf mill-kant tal-Matutin. Jiena, bħala Arċipriet, għall-ewwel deherli li għandna nkomplu. Staqsejthom jekk inkomplux. Naturalment, malajr ipperswadewni li ma kienx il-mument u ma kienx prudenti li nkomplu f'dik il-konfuzzjoni u f'dak il-periklu. Difatti waqqaffna l-kor u l-Kanonċi daħlu fis-sagristija. Ġie fuqi l-Kanonku Dun Arturo Bonnici, li wara sar Monsinjur Segretarju tal-Isqof, u li f'dak iż-żmien kien il-Primiċerju tal-Isla, u qalli: "Jiena għadni ma qaddistx, allura ejja qarbinni.!" Jien qarbintu u wara baqa' miegħi biex nikkalmaw in-nies u noħorġuhom mill-knisja bil-kwiet, mingħajr storbju u bla paniku li seta' jġib diżgrazzja billi jgħaffġu 'l xulxin u jweġġgħu, speċjalment iż-żgħar. Irnexxielna noħorġuhom bil-mod mill-bieb prinċipali tal-knisja u anke mill-bieb tal-Oratorju tal-Kurċifiss.

***L-ewwel reazzjoni tan-nies kienet li huma jabbandunaw l-Isla?***

L-ewwel reazzjoni kienet li joħorġu mill-knisja. Naturalment meta marru d-dar, marru biex ifittxu l-qraba tagħhom. Sadanittant, l-attakk għadda u bosta bdew jaħsbu biex jevakwaw mill-Isla, peress li hawn ma kienx aktar fiż-żgur għalihom. Kienu bdew iħaffru x-xelters imma ma kinux lesti. Kienu waħħlulhom f'moħħom li ma kinux fil-periklu, biżżejjed wieħed jidħol taħt it-taraġ jew taħt mejda jew sodda. Iżda dawn il-pariri kienu tassew redikoli, għax wara rajna li meta jinżlu l-bombi, anqas ir-rock xelters ma kienu biżżejjed. Kien hemm minnhom li sfrundaw. Allura kellna l-ewwel eżodu fejn in-nies qabdu dak li setgħu jġorru u telqu mal-mezzi tat-trasport li setgħu jsibu. Fil-bidu kien hemm madwar 300-400 ruħ li telqu.

***Monsinjur, inti ma ddeċidejtx li tmur magħhom?***

Jien kif stajt immur magħhom? Naturalment, sakemm jibgħu l-parruċċani, il-Kappillan irid jibqa' hemmhekk f'postu.


L-Arċipriet Brincat fost it-tiġrif tal-Bażilika li sfat milquta bil-kbir waqt il-ħbit mill-għadu

***Sa dakinhar il-knisja tal-Vitorja kienet għadha ma mtmessitx?***

Il-knisja damet ma ntmesset u domna ngawduha sas-16 ta' Jannar 1941 meta ġew il-Ġermaniżi.

***Niġu għal dik id-data li kienet importanti għal Malta meta l-Ġermaniżi ħadu f'idejhom l-offensiva kontra Malta mit-Taljani. L-Isla, naturalment, kienet waħda mill-ewlenin fil-mira. X'tiftakar x'ġara dakinhar?***

Fis-16 ta' Jannar, 1941, jiena filgħodu mort biex nara qassis ħabib tiegħi, illum mejjet, ċertu Dun Karm Zammit li kien joqgħod il-Gudja. Imma ħassejt li kelli nfittex immur lura l-Isla. Riedni nibqa' miegħu. Għedtlu li ma stajtx nibqa' miegħu dakinhar għax inħoss li għandi nkun l-Isla. Effettivament ma lħaqtx wasalt li ma nsibx ċertu moviment fejn is-sireni bdew isemmu l-allarm, sinjal ta' ħbit mill-ajru u kulħadd ġera jieħu kenn. Sa dakinhar kont għadni ma mmurx fix-xelter u meta tinqala xi ħaġa kont immur il-knisja. Allura mas-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar bdiet nieżla xita ta' bombi. Dik kienet l-ewwel darba li ġew it-Tedeski (Ġermaniżi) u wrewna li ma kinux qed jiċċajtaw. Il-knisja ntlaqtet – intlaqtet il-Kappella tar-Rużarju, l-Awla Kapitulari u jiena, is-sagristan u tliet itfal li kienu qed jilagħbu fuq iż-żuntier dħalna fid-daħla tal-bieb li mill-knisja jagħti għas-sagrestija fejn konna naħsbu li qegħdin fis-sod u fejn kellna l-istatwa tal-Bambina moħbija. Bdejna ngħidu r-rużarju! Il-ħsejjes kienu jtarrxu u jistorduk. Meta spiċċa l-ewwel rejd, l-Awla Kapitulari kienet iġġarrfet. Minn taħt it-taraġ ta' dik in-naħa tal-Awla, ħareġ Dun Anton Grech, abjad bit-trab qisu vopa fid-dqiq. Jiena, sadanittant, ħsibt fis-Sagrament Imqaddes li kien fil-Kappella ħdejn il-Kappella tar-Rużarju. Il-bieb kien imblukkat bit-tiġrif u kelli naqbeż il-balavostri tal-kanċell. Ħadtu fejn il-Bambina u wara ħsibna biex nieħdu kenn fix-xelter.

***Minn dak iż-żmien ta' Jannar 1941 sa April 1942, li kien żmien ta' bumbardamenti qliel l-Isla sabet ruħha maqtugħa mill-kumplament tal-gżira minħabba t-tiġrif. Inti x'sehem kellek biex tipprovdi lill-popolazzjoni li kienu baqgħu l-Isla?***

L-ewwelnett, fis-16 ta' Jannar 1941, wara li spiċċa l-ħbit, ġie t-Tabib Pawlu Boffa li kien kummissarju Distrettwali. Qalli biex nevakwa n-nies għaliex kienu ġejjin aktar attakki. Bdejna naħsbu biex noħorġu n-nies u kellna anke morda. Ħsibna biex inġibu trakkijiet. Il-mina tal-Isla kienet imblukkata bid-debris u n-nies kellna naraw kif ser noħorġuhom. Allura, fid-19 ta' Jannar, meta komplew l-attakki, konna naqtugħin għal kollox u n-nies riedu joħorġu. Qaluli: "X'ser nagħmlu Arċipriet?" Għidtilhom biex nippruvaw noħorġu mill-bieb tat-Trazna u minn hemm niġu Bormla, fi Pjazza Gavino Gulia. Sibna l-Gwardjan biex jagħtina l-faċilità ħalli ngħaddu mit-Tarzna. Dan il-permezz dam ma ngħata. Lili qalli biex nidħol nistkenn ġewwa u jien għidtlu li jekk ma jidħlux in-nies ukoll, ma kontx ser nidħol. Meta ġie l-permess, għaddejna mit-Tarzna. Fi Pjazza Gavino Gulia sibna trakkijiet u lili qaluli x'kont ser nagħmel. "Inti mhux ġej magħna?" Jien għidtilhom li jkolli noqgħod ma' dawk li baqgħu l-Isla. Il-Kanonċi kollha dabbru rashom u l-Viċi qalli: "Jien x'ser nagħmel, Arċipriet?" Jien għidtlu: "L-istola ħadtha jien fuq spallejja. Inti għandek il-familja u għadek żagħżugħ; mur ħu ħsieb il-familja." Kellu 'l ommu, lil zitu u xi ħutu. Naturalment, ma kontx ser nissugrahom jibqgħu fl-Isla. U jien bqajt waħdi!

***Qabel mal-Gvern waqqaf il-Vicory Kitchen, inti kont ħadt l-inizjattiva peress li l-Isla kienet iżolata.***

Jien, wara li Mussolini għamel dak id-diskors u l-għada beda dak il-pandemonju li kellna, ġie fuqi Ġużeppi Iles mill-Isla u billi kien għażeb u soċju fid-*Domus* tal-Isla, dan qalli: "Arċipriet, x'ser nagħmlu? Jien ma naħdimx u lest nagħti l-għajnuna." Għidtlu: "X'ser naqbdu nagħmlu Ġuż?" Qalli: "Ara kieku nibdew naħsbu ftit għan-nies." Bdejna, jienu u hu din il-*Victory Kitchen*. Kien jixtri l-ħaxix u affarijiet oħra. Beda jsajjar xi ħaġa u nqassmuha lin-nies. B'hekk bdiet il-*Victory Kitchen* u wara kkuppjawna. Għall-ewwel kelli xi kooperazzjoni mill-għalliema, imbagħad dawn ġew trasferiti band'oħra mill-Gvern. Imma tlabt li jħalluli 'l xi ħadd u tawni tnejn biex ikomplu. Sadanittant, mexxejna l-*Victory Kitchen* u konna nagħtu l-kont lill-Gvern ta' dak li jkun intefaq u jħallasna. L-ebda kumpens ieħor ma kien jingħata! Lil Ġużeppi Iles kont nagħtih minn dak li l-Bambin kien jipprovdi u anke hu kien mingħajr kunpens.

***L-iżolament tal-Isla kien aktar dramatiku iżjed tard, speċjalment meta l-ħbit ħrax għax lanqas provvista tal-ilma ma kien hemm u lanqas elettriku.***

L-attakk fuq HMS Illustrious kien il-bidu tal-gwaj tagħna għax sa dakinhar kollox kien normali. Iva li konna waħedna u l-Isla tbattlet.

***Inti kont trid ukoll tlaħħaq mal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar.***

Imma dak ġie wara. Meta bdew l-attakki ħorox fuq il-kottonera, il-Kappillan ta' Ħaż-Żabbar kien appuntat ġdid u ma kienx għadu ħa l-pussess. Allura dak kiteb ittra lill-Awtorità Ekkleżjastika fejn talab biex imur fil-Parroċċa fejn kien qabel. Ħaż-Żabbar baqa' bla Kappillan. Il-Viċi Parroku kien mar il-Qrendi u jien kelli nieħu ħsieb tal-Isla u ta' Ħaż-Żabbar flimkien.

***Niġu għax-xahar ta' April 1942. X'kienet tfisser li ma jkunx hemm provvista tal-ilma?***

Bil-ħbit inqata' kollox. Difatti bqajna b'xejn u ftaħna l-bir tal-knisja biex iservi għax-xorb. Jien kelli bir żgħir imma l-ilma kien kontaminat. Domna żmien twil. F'April 1942 kellna ħbit tant twil li beda minn sbiħ il-lejl ta' qabel u kompla matul il-lejl tal-għada. Filgħodu ma flaħtx iżjed u għedtilhom li ser immur nistrieħ ftit u fis-7 ta' filgħodu niġi nqaddes. Meta bdejt il-quddiesa assistieni wieħed u mill-bidu tagħha bdew niżlin il-bombi bla ebda twissija. Allura kelli ninżel fix-xelter kif kont, nistenna li jgħaddi ħalli mmur inqaddes. Sadanittant ġie t-tabib Carmelo Jaccarini u qalli biex inneħħi l-ħwejjeġ tal-quddiesa minn fuqi u mmur miegħu lejn San Filippu għaliex kien hemm xi nies korruti billi waqqgħu l-bombi u għamlu ħerba. Sibna bini mwaqqa', nies mirduma u ħriġnihom; x'uħud kienu mejta u oħrajn saħansitra għadhom



L-attakk fuq l-HMS Illustrous nhar is-16 ta' Jannar 1941

immankati sal-lum. Darb'oħra kien hemm inċident ieħor. Xelter li kien jinfed sax-xatt u jgħaddi minn taħt Starda San Giuseppe sfronda. Il-bombi Ġermaniżi kienu jkunu kkatinati u l-ħerba kienet tkun akbar. Hemmhekk, fost dawk korruti insib mara maqbuda minn żaqqha l-isfel taħt blata daqshiex. Ma stajtx naqlagħha u anqas kellna biex u għalhekk kellna nħalluha tmut. Iżda għamiltilha l-Griżma tal-Morda u tajtha l-assoluzzjoni. Hi, miskina, għajta fl-art u oħra fis-sema. Ix-xelter kien fid-dlam u ħafna twerżieq u għajjat. Spiċċajt minn dik il-biċċa u sejħuli t-Tarzna u hemm insib il-ħajt kontra l-blast imtajjar u d-*Dressing Station* mimlija katavri u feruti.

***Barra dawn ix-xeni traġiċi, kien hemm ukoll il-ġuħ peress li l-Isla kienet maqtugħa għaliha. Veru li f'Malta ftit kien hawn ħobż, imma fl-Isla assolutament xejn?***

Jiena tlett ijiem bla ħobż għamilthom. Nieħu l-ilma u nsib xi ħaġa nteftifha. Biex jiġina l-ħobż ġew il-Kummissarju u l-Assistant tiegħu u tlabthom jingħatalna l-ħobż. L-ewwel darba, filgħaxija, wegħduna li jġibu. Reġgħu l-istess l-għada. Allura ktibt ittra u bgħattha ma' ċertu Franġisku Fava mill-Isla li kien Surġent tas-C.I.D.. Għedtlu: "Għamilli pjaċir ħu din l-ittra għand il-Gvernatur ħalli jipprovdilna l-ħobż." Interessa ruħu personalment u b'hekk bagħtulna kwantità limitata ta' ħobż, tant li ma serviex għal kulħadd u kelli nagħti sehmi wkoll lil ħaddieħor. U jien bqajt b'xejn! Ir-ringrazzjament kien illi ġie wieħed jiġġieled miegħi għax baqa' hu wkoll b'xejn.

***Monsinjur, l-istorja kulħadd jafha wara li daħal il-Convoy ta' Santa Marija. Nafu l-istorja li inti u l-Kapitlu ħadtu deċiżjoni dwar il-Bambina u dik tar-Redentur.***

L-istatwa tal-Madonna, tar-Redentur u l-fided, kien irnexxielna, bl-għajnuna tal-militar, noħorġuhom mill-Isla. Jiena akkumpanjajt il-Bambina sa Birkirkara. Hemmhekk, sibt il-Kanonku Franġisk Abela, li kien il-Prokuratur tal-knisja u l-Madonna ġiet milqugħa bid-devozzjoni kollha u daħħluha fil-knisja.

***Ġara fatt li baqa' jissemma' f'Malta fiż-żmien meta inti insistejt li, kontra kull oppożizzjoni minn xi membri tal-Kapitlu li ma kienx għadu ż-żmien li l-Bambina tiċċaqlaq minn Birkirkara. Dakinhar, inti ddeċidejt li ġġib l-istatwa tal-Bambina u din kienet ġurnata memorabbli għal Malta.***


*It-tabib Carmelo Jaccarini li, flimkien mal-Arċipriet Brincat, issogra ħajtu biex jaqdi dmirijietu fost dawk li baqgħu jgħixu fl-Isla*

Il-Kapitlu kien iltaqa' fl-Istitut ta' San Ġużepp, il-Ħamrun, fejn konna kultant niltaqgħu biex naraw x'ser nagħmlu. Dik is-sena, 1943, l-affarijiet kienu kkalmaw. Diġà kien hemm ħsejjes li l-Italja kienet ser iċċedi. Allura jien laqqajt il-Kapitlu biex naraw jekk dik is-sena nagħmlux il-festa mill-ġdid fl-Isla għax din kienet issir għal tal-post imma fejn kien hemm ir-refuġjati. Jiena kelli l-okkażjoni li nieħu parti fihom. Deherli li għandna nagħmluha l-Isla. Il-Kapitlu aċċetta li dakinhar, Settembru 1943, ninżlu l-Isla biex niċċelebraw il-festa tal-Bambina. Għedtilhom ukoll illi għall-festa tinsel ukoll il-Bambina. Ħadd minnhom ma ried li l-Bambina tinżel ukoll. Imma jien kelli preżentament, ħassejt fija illi l-Madonna *wouldn't let me down*. Għidtilhom: "Intom tafu illi l-vot tagħkom hu konsultattiv f'dil-ħaġa. Iżda ssibu diffikultà li jiena neħodha fuq spallejja u nniżżilha *on my own responsibility*?" Qaluli jekk kelli nieħu din ir-responsabbiltà, ħsiebek.

Għidtilhom li beħsiebni nniżżilha. Difatti l-Madonna niżlet, iżda b'manjiera privata. Qegħedniha f'kappella li wrejtek biex f'lejlet il-festa nagħtu bidu għaċ-ċelebrazzjoni. Nhar il-festa, fit-8 ta' Settembru 1943, tista' tgħid li ġiet Malta kollha. Għall-okkażjoni kont stedint ukoll il-Prepostu ta' Birkirkara, il-Kappillani ta' Raħal Ġdid u Ħal Tarxien. Dawn, flimkien miegħi, żammew il-*fiocco* (ġummiena) peress li fiha nnifisha, l-istatwa tal-Bambina hija nkurunata. Dan b'simbolu ta' *body-guard* tal-Madonna. Hawnhekk kellna l-konsolazzjoni kbira li nisimgħu l-aħbar li tant konna ilna nitolbu u nistennew. Difatti aħna u għaddejjin mix-Xatt, nisimgħu s-sireni tal-vapuri u wieħed minnhom mar jagħti l-aħbar li l-Italja kienet ċediet. Meta spiċċat il-purċissjoni, tlajt fuq il-pulptu tal-knisja ta' San Filippu u tajt l-aħbar u wara kantajna t-*Te Deum*.

***Din l-intervista ġiet traskritta kelma b'kelma minn Joseph M. Pulis***



8 ta' Settembru 1943: Il-purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina għaddejja mix-xatt fil-ħin li fih waslet l-aħbar li l-Italja kienet ċediet


Bini mġarraf fi Triq San Ġużepp tal-Isla - dehra komuni madwar l-Isla kollha f'dawk is-snin ta' gwerra